32000R2604

L 301/21 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 30.11.2000

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 2604/2000
tas-27 ta' Novembru 2000
illi jimponi dazju ta' kontra d-dumping definittiv u l-ġbir definittiv tad-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' ċertu poltilenu teraptalatu illi joriġina fl-Indja, fl-Indoneżja, fil-Malasja, fir-Repubblika tal-Korea, fit-Tajwan u fit-Tajlandja

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA

Wara li kunsidra t-Trattat illi jwaqqaf il-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 384/96 tat-22 ta' Diċembru 1995 dwar il-ħarsien mill-importazzjonijiet illi jiġu mitfugħin fis-suq minn pajjiżi terzi li m'humiex Membri tal-Komunità Ewropea [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 9 u 10 (2) tiegħu,

Wara li kunsidra l-proposta mogħtija mill-Kummissjoni wara li kkonsulta l-Kumitat Konsultattiv,

Billi:

A. MIŻURI PROVVIŻORJI

(1) Il-Kummissjoni, permezz tar-Regolament (KE) Nru. 1742/2002 [2], ("Regolament provviżorju"), imponiet d-dazju provviżorju ta' kontra d-*dumping* fuq l-importazzjonijiet ta' ċertu politilenu teraptalatu illi joriġina fl-Indja, fl-Indoneżja, fil-Malasja u fir-Repubblika tal-Korea, fit-Tajwan u fit-Tajlandja.

(2) Fil-proċediment parallel ta' kontra s-sussidji, l-Kummissjoni imponiet ukoll, permezz tar- Regolament (KE) Nru. 1741/2000 [3] dazju kompensatorju provviżorju fuq l-importazzjonijiet ta' ċertu politilenu teraptalatu illi joriġina fl-Indja, fil-Malasja, fit-Tajwan u fit-Tajlandja.

(3) Qiegħed jiġi rilevat illi l-investigazzjoni tad-*dumping* u d-danni kopriet il-perjodu kompriż bejn l-1 ta' Ottubru 1998 u t-30 ta' Settembru 1999 ("PI"). L-eżami tad-tendenzi relevanti għall-analiżi tad-danni kopriet il-perjodu mill-1 ta' Jannar 1996 sa l-aħħar tal-PI ("il-perjodu ta' analiżi")

B. PROĊEDURA SUSSEGWENTI

(4) Sussegwenti għall-izvelar tal-fatti essenzjali u l-konsiderazzjoni tal-bażi illi fuqha kien deċiż illi jiġu imposti l-miżuri ta' kontra d-*dumping*, ħafna partijiet interessati taw il-kummenti tagħhom bil-miktub. Skond id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 20(1) tar-Regolament (KE) Nru 384/96 ("ir-Regolament Bażiku"), il-partijiet interessati kollha illi talbu seduta kienet ngħatatilhom opportunità illi jiġu mismugħa mill-Kummissjoni.

(5) Il-Kummissjoni kompliet tfittex u tivverifika l-informazzjoni kollha illi jidhrilha meħtieġa għall-konklużjonijiet definittivi.

(6) Saret vista oħra addizzjonali ta' verifika fl-edifizzji tal-kumpanniji illi ġejjin fir-rigward ta' produttur esportatur Korean illi kien irrisponda l-kwestjonarju:

— SK Global Belgium NV (Antwerp).

(7) Il-partijiet kollha kienu infurmati bil-fatti essenzjali u l-konsiderazzjoni tal-bażi illi fuqha kien maħsub illi jiġi rakkommandat l-imposizzjoni tad-dazji definittivi ta' kontra d-*dumping* u l-ġabra definittiva ta' l-ammonti illi jkunu garantiti permezz tad-dazji provviżorji. Kienu wkoll mogħtija perjodu illi fih huma setgħu jagħmlu rappreżentazzjonijiet wara għal dan l-izvelar.

(8) L-argumenti kemm verbali kif ukoll bil-miktub imressqa mill-partijiet ġew meqjusa, u billi kien meqjus xieraq, ittieħdu in-konsiderazzjoni għall-konklużjonijiet definittivi.

(9) Wara illi ġew riveduti l-konklużjonijiet provviżorji dwar il-bażi ta' l-informazzjoni illi nġabret minn dak iż-żmien, huwa konkluż illi l-konklużjonijiet ewlenija kif stabbiliti fir-Regolament provviżorju għandhom ikunu hawnhekk konfermati.

Ċ. PRODOTTI KONĊERNATI U PRODOTTI SIMILI

1. Prodotti konċernati

(10) Ir-Regolament provviżorju iddefinixxa l-prodotti konċernati bħala politilenu teraptalatu ("PET") b' koefiċċjenza ta' viskosità of 78ml/g jew oġħla, illi jkun skond DIN (Deutche Industrienorm) 53728, illi jaqa' fil-kodiċi NM 3907 60 20 l-kodiċi NM ex 3907 60 80 (il-kodiċi TARIC 3907 60 80 10). Peress illi ma ġew riċevuti osservazzjonijiet illi jikkonċernaw din id-definizzjoni, l-konklużjonijiet provviżorji fir-rigward tal-prodotti konċernati huma hawnhekk konfermati.

2. Prodotti simili

(11) Fil-premessa 12 tar-Regolament provviżorju, l-Kummissjoni sabet illi l-PET prodott mill-industrija tal-Komunità u illi nbiegħ fuq is-suq tal-Komunità kif ukoll l-PET prodott fil-pajjiżi konċernati u esportat lejn il-Komunità kienu prodotti simili, peress illi ma kien l-ebda differenza fil-karatteristiċi fiżiċi u tekniċi bażiċi u l-użi tat-tipi differenti ta' PET eżistenti. Peress illi ma kien l-ebda prova dwar dan, il-konklużjonijiet provviżorji fir-rigward tal-prodotti simili qegħdin jiġu konfermati.

[1] ĠU L 56, 06.03.96, p. 1. Ir-Regolament kif l-a]]ar emendat mir-Regolament (KE) Nru 2238/2000 (ĠU L 257, 11.10.00, p. 2).
[2] ĠU L 199, 05.08.00, p. 48.
[3] ĠU L 199, 05.08.00, p. 6.

D. **DUMPING**

1. **Valur normali**

(12) Il-prodottur esportatur ta' l-Indoneżja, illi għalih l-Artikolu 18(1) tar-Regolament bażiku kien applikat, minħabba illi nstab illi huwa kien ta informazzjoni falsa u qarrieqa, ikkontesta l-konklużjonijiet tal-Kummissjoni. Huwa ikkunsidra illi l-użu ta' l-Artikolu 18 ma kienx immeritat u illi ċ-ċaħda ta' l-ispejjeż ġenerali u amministrattivi ("SG&A") kienet miżura indebitament ħarxa.

(13) Il-Kummissjoni reġgħet għamlet rieżami ta' l-informazzjoni kollha mogħtija mill-kumpanniji meta wieġbu l-kwestjonarju u matul il-verifika fuq il-post. Kien konfermat illi l-attivitajiet ta' l-unità organiżżattiva tal-kumpanniji, illi allegatament kellhom x'jaqsmu biss ma' l-attivitajiet finanzjarji u illi, ma suppost kellhom l-ebda relazzjoni mal-prodotti konċernati, kienuħafna aktar wiesgħa milli rappurtat. Fil-fatt, l-attivitajiet normali ta' l-uffiċċju prinċipali kienu saru minn din l-unità. Kien anki konfermat illi l-attivitajiet ta' u l-ispejjeż illi ntefqu minn dik l-unità ma setgħux jiġu meqjusa daqslikieku ma kienux interament relattati mal-produzzjoni u l-bejgħ tal-prodotti konċernati. Kien anki ċar li l-informazzjoni illi tat is-soċjetà kienet falza u qarrieqa fir-rigward ta' l-attivitajiet illi wettaq l-uffiċċju prinċipali.

(14) Kien għaldaqstant pjenament ġustifikat u a tenur ta' l-Artikolu 18(1) tar-Regolament bażiku illi jiġu miċħuda l-ispejjeż SG&A kif rappurtati mill-kumpanniji.

Valur normali ibbażat fuq il-bejgħ domestiku

(15) Żewġ kumpanniji Tajwaniżi talbu illi d-determinazzjoni tal-bejgħ magħmul fil-kors ordinarju tan-negozju għandu jkun magħmul kull kwart tas-sena u mhux kull sena. Ir-raġuni avvanzata sabiex tappoġġa din it-talba kienet illi matul il-PI kien hemm varjazzjonijiet sostanzjali fl-ispejjeż u l-prezzijiet tal-prodotti konċernati, dovuti prinċiparjament għall-bidliet fil-prezzijiet tal-materja prima.

(16) Il-bidliet fl-ispejjeż u l-prezzijiet matul il-PI huma kważi inevitabbli fi kwalunkwe investigazzjoni ta' kontra d-*dumping*. Sabiex tieħu kont ta' dawn bil-għan illi jiġi stabbilit liema kien il-bejgħ illi kien sar fil-kors ordinarju tan-negozju, l-Kummissjoni applikat konsistentement il-metodoloġija illi tipparaguna l-prezzijiet individwali domestiċi bl-ispiża medja peżata tal-produzzjoni waqt il-PI. Huwa kunsidrat illi s-sitwazzjoni partikolari taż-żewġ kumpanniji illi għamlu t-talba ma tiġġustifikax id-devjazzjoni mill-metodoloġija użata mill-kumpanniji konċernati fil-proċediment preżenti. Barra minn hekk, ikun kuntrarju għall-prattika konsistenti tal-Kummissjoni illi tuża perjodi ta' żmien differenti għat-"test tal-kors ordinarju tan-negozju" ta' kull kwart tas-sena u għall-passi l-oħra tal-kalkolu tad-*dumping* (annwali).

(17) Għandu jkun finalment innutat illi l-informazzjoni relevanti (p.e. il-figuri ta' l-ispejjeż ta' produzzjoni ta' kull kwart tas-sena) kienet mogħtija għall-ewwel darba wara l-izvelar tal-konklużjonijiet provviżorju. Dan minkejja li kien jirrigwarda l-fatti illi kienu magħrufin sew lill-kumpanniji qabel ma kienet saret il-verifika fuq il-post jew ir-rispota tagħhom għall-kwestjonarju. Għaldaqstant, il-Kummissjoni ma kenitx tkun f' posizzjoni, f' dan l-istadju tard ta' l-investizzjoni, illi tivverifika l-ammont sostanzjoni ta' informazzjoni meħtieġa sabiex tiġi modifikata l-metodoloġija u tiġi stabbilita l-profitabilità tal-bejgħ domestiku.

(18) Soċjetà Koreana kuntestat il-metodoloġija tal-Kummissjoni sabiex jiġi allokat l-ammont ta' SG u A kif stabbilit fil-premessa 50 tar-Regolament provviżorju.

(19) Il-produttur esportatur, wara l-izvelar tal-konklużjonijiet provviżorji, ippreżenta figuri ġodda, iżda minkejja talba mill-Kummissjoni, ma ipprovda l-ebda prova jew spjegazzjoni dwar il-metodoloġija ta' allokazzjoni użata. Konsegwentement, it-talba tas-soċjetà kienet miċħuda.

Valur Normali Kostrutt

(20) Produttur esportatur Indoneżjan ikkuntesta l-marġni tal-profitt użat sabiex jintlaħaq il-valur normali għal tip wieħed ta' PET illi huwa kien esporta lejn il-Komunità.

(21) L-atteġġjament tal-Kummissjoni illi tuża l-marġni tal-profitt attwali fuq il-bejgħ ta' tipi oħra ta' PET illi jkunu saru fil-kors ordinarju tan-negozju minn dan il-produttur esportatur fuq is-suq tiegħu domestiku huwa totalment konformi ma' l-Artikolu 2(6) tar-Regolament Bażi (ara l-premessa 21 tar-Regolament Provviżorju). Għaldaqstant, il-konklużjonijiet provviżorji qegħdin jiġu konfermati.

(22) Wieħed mill-produtturi esportaturi tal-Malasja sfida l-metodoloġija ibbażata fuq il-bejgħ applikata mill-Kummissjoni għall-allokazzjoni mill-gdid ta' ċertu spejjeż SG u A użati bil-għan illi jintlaħaq il valur normali fir-Regolament provviżorju.

(23) Il-verifika kixfet illi l-leġġenda ta' l-allokazzjoni applikata mis-soċjetà fir-risposti tagħha fil-kwestjonarju għal ċerti spejjeż ma kenitx korretta u ma kenitx xierqa u ma kenitx qiegħda tiġi użata storikament. Konsegwentement, finnuqqas ta' leġġenda ta' allokazzjoni aktar xierqa, l-ispejjeż relevanti SG u A kienu reġgħu ġew allokati fuq il-bażi tal-valur tal-bejgħ skond l-Artikolu 2(5) tar-Regolament bażiku. L-atteġġjament adottat fuq il-kwistjoni fir-Regolament provviżorju huwa għalhekk konfermat.

(24) Żewġ produtturi esportaturi Indoneżjani argumentaw illi l-valuri normali għall-kumpanniji li m'għandhomx bejgħ fil-kors ordinarju tan-negozju fis-suq domestiku għandhom ikunu ibbażati, skond l-Artikolu 2(1) tar-Regolament bażiku, fuq il-prezzijiet tal-bejgħ domestiku tal-kumpanniji l-oħra minflok fuq il-valur normali kalkolat.

(25) Fil-premessa 19 tar-Regolament provviżorju, kien diġa ġie spjegat għalfejn il-prezzijiet tal-bejgħ domestiku ta' kumpanniji oħra ma setgħux jintużaw. L-ebda wieħed miż-żewġ produtturi esportaturi konċernati ma produċa xi prova illi tinvalida r-raġunament tal-Kummissjoni sabiex tuża l-valur normali kalkolat. Il-Kummissjoni, madankollu, ezaminat mill-gdid l-informazzjoni kollha mogħtija u l-metoloġija użata għall-miżuri provviżorji qed tiġi konsegwentement konfermata.

(26) Kumpannija Koreana argumentat li l-Kummissjoni m' għandhiex tuża l-ispejjeż SG u A tagħha stess meta tkun qed tikkalkula l-valur normali, peress li l-bejgħ domestiku li miegħu dawn l-ispejjeż huma marbutin ma jkunx sar fil-kors ordinarju tan-negozju. Is-soċjetajiet argumentaw illi din kienet tikkontradixxi l-Artikolu 2(6) tar-Regolament bażiku.

(27) Hija l-prattika konsistenti tal-Kummissjoni, kif stabbilita anke fil-premessa 21 tar-Regolament provviżorju, illi tikkunsidra l-ispejjeż attwali domestiċi SG u A illi fuqhom wieħed jista' joqgħod jekk il-volum tal-bejgħ domestiku totali tal-kumpannija konċernata huwa rappreżentattiv meta jitqabbel mal-volum tal-bejgħ għall-esportazzjoni lejn il-Komunità. Fil-fatt, il-fattur determinanti illi għandu jiġi kunsidrat sabiex jiġi stabbilit jekk l-ispejjeż SG u A humiex użabbli, m'huwiex jekk dak il-bejgħ kienx sar bi profitt, iżda jekk kienx hemm ammont ta' bejgħ suffiċjentement rappreżentattiv illi jkun sar fil-viċin. Għaldaqstant, il-konklużjonijiet provviżorji huma konfermati.

(28) Kumpannija Tajwaniża talbet illi l-ispiża tal-produzzjoni għax-xahar ta' Settembru 1999 m'għandhiex tittieħed in-konsiderazzjoni minħabba t-terremot li seħħ fit-Tajwan.

(29) Madankollu, irrispettivament mill-fatt jekk jistax isir aġġustament għat-terremoti jew każijiet oħra ta' forza maġġuri, l-kumpanniji ma setgħux juru jekk u sa liema punt it-terremot effettwa l-ispejjeż. Barra minn hekk, il-Kummissjoni, fuq l-inizjattiva tagħha stess, analizzat l-impatt allegat fuq l-ispejjeż ta' produzzjoni u nstab illi l-kwantità ta' prodotti f'Settembru 1999 qabżet il-kwantità ta' prodotti f' hafna xhur oħra tal-PI filwaqt li ż-żieda fl-ispejjeż ma kenitx ogħla mix-xhur l-oħra tal-PI. Konsegwentement, la l-kwantità ta' prodotti fix-xahar ta' Settembru u lanqas l-ispejjeż ma jikkwalifikaw bħala eċċezzjonali. Il-talba tal-kumpannija kellha tiġi sussegwentement miċħuda.

2. **Prezzijiet ta' esportazzjoni**

(30) Esportatur produttur Indoneżjan saħaq illi l-Kummissjoni naqqset ammont eċċessiv għall-ispejjeż SG u A u l-profitt għall-funzjoni moqdija mill-importatur relattat sabiex jiġu kalkolati l-prezzijiet ta' l-esportazzjoni skond l-Artikolu 2(9) tar-Regolament Bażiku.

(31) Fir-rigward tal-persentaġġta' spejjeż SG u A illi ġew imnaqqsin, il-Kummissjoni kellha toqgħod fuq l-unika informazzjoni li kienet disponibbli, i.e., il-kontijiet ivverifikati tal-kumpanniji illi kienu qegħdin jinnogazjaw. F' dan ir-rigward għandu jiġi innutat illi ma ġiet provduta l-ebda informazzjoni speċifika għal xi prodott fl-ispejjeż SG u A minkejja illi kien hemm talba speċifika biex dan isir fil-kwestjonarju. Konsegwentement, l-ammont ta' l-ispejjeż ta' SG u A mnaqqsin kien ġie determinat fuq il-bażi tal-valur tal-bejgħ.

(32) Fir-rigward tal-marġni tal-profitt illi kien ġie mnaqqas, il-premessa 23 tar-Regolament provviżorju jistabbilixxi illi l-marġni tal-profitt ta' 5 % kien meqjus bħala wieħed raġonevoli għall-funzjoni moqdija min-negozjant. Fin-nuqqas ta' kwalunkwe informazzjoni oħra verifikabbli, dan l-atteġġjament kien hawnhekk konfermat.

3. **Paragun**

(33) Produttur esportatur Indoneżjan ilmenta illi l-Kummissjoni kienet injorat it-talbiet tagħha dwar l-*allowances* fuq il-valur normali.

(34) Għal din il-kumpannija, l-Kummissjoni kalkulat il-valur normali skond l-Artikolu 2(3) tar-Regolament bażiku. L-ammonti għall-ispejjeż SG u A u għall-profitti kienu, skond l-Artikolu 2(6)(a), determinati fuq il-bażi tal-medja peżata ta' l-ammonti attwali determinati għall-produtturi esportaturi l-oħra suġġetti għall-investigazzjoni fir-rigward tal-prodotti u l-bejgħ tal-prodotti simili fl-Indoneżja. L-Artikolu 2 (10) tar-Regolament bażiku jiddikjara illi d-debita *allowance* fil-forma ta' aġġustamenti għandha ssir għad-differenzi fil-fatturi illi jaffettwaw il-prezzijiet u t-tqabbil tal-prezzijiet. Peress illi l-prezzijiet tal-bejgħ domestiku tal-kumpanniji konċernati ma kienux użati, l-aġġustamenti illi jaffettwaw it-tqabbil tal-prezzijiet kienu, f'dan il-każ, dawk illi jirrigwardaw l-ispejjeż SG u A tal-kumpanniji l-oħra użati sabiex jiġi kalkolat il-valur normali. L-atteġġjament illi kien ittieħed għad-determinazzjoni provviżorja qiegħed għaldaqstant jiġi konfermat.

Karatteristiċi Fiżiċi

(35) Wieħed mill-esportaturi produtturi tal-Malasja iddikjara illi it-tip ta' PET mibjugħ fis-suq domestiku kellu valur tas-suq ogħla mit-tip ta' PET illi jiġi esportat lejn il-Komunità u illi għalhekk, il-valur normali għandu jinbidel skond il-każ.

(36) Madankollu, l-produttur esportatur ma talab l-ebda aġġustament għad-differenzi fiżiċi kemm fir-risposta tiegħu fil-kwestjonarju kif ukoll matul il-verifika illi saret fuq il-post. Lanqas ma ikkwantifika l-valur fis-suq ta' l-allegata differenza. Barra minn hekk, matul l-investigazzjoni, ma nstabet jew ma ġiet provduta l-ebda prova sabiex issostni din il-pretensjoni. Fid-dawl ta' dawn il-fatti, din it-talba għandha tiġi miċħuda.

Piż fuq l-importazzjonijiet u taxxi indiretti

(37) Prodottur esportatur Indjan argumenta illi kellha tiġi mil-qugħa t-talba dwar l-iżvantaġġ tad-dazju, peress li d-dazji fuq l-importazzjonijiet kienu ġew rifużati ma' l-esportazzjoni, filwaqt li ma ngħatat l-ebda rifużjoni għall-bejgħ domestiku, u għaldaqstant ġie effettwat it-tqabbil tal-prezzijiet. Barra minn hekk, l-esportatur talab ukoll illi l-aġġustament suppost li sar irrispettivament minn jekk id-dazji sarux fuq l-importazzjoni tal-materja prima u irrispettivament minn jekk dik il-materja prima kenitx fiżikament inkorporata fi prodotti simili mibjugħin fis-suq domestiku.

(38) Skond l-Artikolu 2(10)(b) tar-Regolament Bażiku aġġustament jista' jsir biss għad-dazji ta' l-importazzjoni mħallsa mill-prodotti simili u mill-materja prima fiżikament inkorporata fihom, meta dawn ikunu maħsuba għall-konsum fil-pajjiż esportatur u r-rifużjoni (jew nuqqas ta' ġbir) fir-rigward tal-prodotti esportati lejn il-Komunità. Għandu jiġi innutat illi f' dan il-każ, l-esportatur ibbaża t-talba tiegħu fuq l-iżvantaġġ tad-dazju sempliċiment fuq l-ammont tad-dazji fuq l-importazzjoni rifużi ma' l-esportazzjoni tal-PET. Skond l-Iskema tal-Ktejjeb illi Jintitola Għad-dazju (L-iskema KJGD) applikabbli għall-kumpannija, id-dazju illi jkun ġie rifuż ma' l-esportazzjoni ġie mogħti irrispettivament minn jekk il-materja prima għall-produtturi tal-prodotti simili ġietx importata jew le. Barra minn hekk, l-ammont attwali tal-piżijiet fuq l-importazzjonijiet relevanti mħallsa fuq il-materja prima għall-PET illi nbiegħ fis-suq domestiku matul il-PI u rifuża jew le miġbura meta l-prodotti konċernati jkunu qegħdin jiġu esportati lejn il-Komunità ma kienx provdut mill-kumpannija fir-risposta tagħha għall-kwestjonarju jew matul il-vista ta' verifika fuq il-post. Għaldaqstant isegwi illi l-kumpannija ma setgħetx turi illi d-dazju fuq l-importazzjonijiet rifużi ġie inkluż fil-prezzijiet domestiċi. Konsegwentement, ma setax jiġi stabbilit jekk it-tqabbil tal-prezzijiet ġiex affettwat u jekk it-talba kellhiex tiġi miċħuda.

(39) L-istess esportatur produttur Indjan finalment talab illi l-konklużjonijiet provviżorji ta' l-investigazzjoni ta' kontra d-*dumping* kienu jikkontradixxu l-konklużjonijiet provviżorji fil-proċediment ta' kontra s-sussidju *parallel*. Kien argument illi ma jkunx korrett illi t-talba tal-kumpannija għall-aġġustament tad-dazju tiġi miċħuda fil-kuntest ta' l-investigazzjoni ta' kontra d-dumping, meta fl-istessħin l-iskema KJGD illi minnha l-kumpannija tibbenefika kienet ġiet kunsidrata bħala sussidju għall-esportazzjoni fil-kuntest tal-proċediment ta' kontra s-sussidju.

(40) Dan l-argument ma setax jiġi aċċettat. Tabilħaqq, fil-kuntest ta' l-investigazzjoni parallella ta' kontra s-sussidji, nstab illi l-iskema illi kienet tagħti dritt għar-rifużjoni fuq id-dazju doganali jew għall-importazzjoni ta' bla dazju, skond il-każ, hija sussidju ta' l-esportazzjoni illi tagħti lok għall-kumpens, u mhux skema *bona fide* għall-iżvantaġġ għall-fini tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2026/97 tas-6 ta' Ottubru 1997 dwar il-protezzjoni kontra l-importi sussidjati minn pajjiżi m'humiex Membri tal-Komunita Ewropea [1] ("ir-Regolament bażiku ta' kontra s-Sussidju"). Skond l-artikolu 14(1) tar-Regolament bażiku, dan id-dazju kompensatorju ser jitnaqqas minn kwalunkwe dazju ta' kontra d-*dumping*. Għalhekk, sabiex isir l-aġġustament mitlub hawnhekk, barra minn dan it-tnaqqis, ikun qiegħed fil-fatt isir aġġustament doppju illi jkun qiegħed ixejjen ir-riżultati ta' l-investigazzjoni ta' kontra s-sussidji.

(41) Kunsidrat dan ta' hawn fuq kollu, il-konklużjonijiet provviżorji tal-Kummissjoni qegħdin jiġu hawnhekk konfermati i.e., it-talba tal-kumpannija għal aġġustament għad-differenzi fil-piżijiet fuq l-importazzjonijiet u t-taxxi indiretti ma kenitx meritata u għalhekk konsegwentement kellha tiġi rifjutata.

(42) Kumpannija Koreana ikkuntestat il-metodu tal-kalkolu ta' l-aġġustament għall-iżvantaġġ tad-dazju illi jkun sar mill-Kummissjoni, illi, skond il-kumpanniji, ma jirriflettix l-ammont attwali ta' l-iżvantaġġ tad-dazju illi kien riċevut matul il-PI.

(43) Matul l-investigazzjoni, l-kumpanniji ma ipprovdew l-ebda prova dwar ir-rabta bejn l-ammont ta' l-iżvantaġġ tad-dazju illi ġie fir-realtà riċevut u l-materja prima illi jkunu ġew fiżikament inkorporati fil-prodotti. Fin-nuqqas ta' xi provi ġodda illi jistgħu jappoġġjaw it-talba tal-produtturi esportati, l-approċċ illi jinsab fil-premessa 58 tar-Regolament provviżorju huwa konfermat.

(44) Kumpannija oħra Koreana oġġezzjonat għad-deċiżjoni tal-Kummissjoni illi tirriġetta l-aġġustamenti ta' l-iżvantaġġ tad-dazju fl-intier tiegħu (ara l-premessa 58 tar-Regolament provviżorju).

(45) Fid-dawl ta' l-ispjegazzjoni provduti mill-kumpannija wara l-pubblikazzjoni tar-Regolament provviżorju, u kunsidrata l-informazzjoni miġbura matul l-investigazzjoni, il-Kummissjoni setgħet tirrikalkula l-ammont ta' *allowance* għall-iżvantaġġtad-dazju sabiex tirrifletti d-dazju mħallas għall-materja prima importata matul il-PI. L-*allowance* kienet konsegwentement mogħtija iżda biss sal-limitu illi hija setgħet tiġi verifikata.

(46) Produttur esportatur Indjan ikkontesta l-fatt illi l-Kummissjoni ma qisetx it-taxxi fuq il-bejgħ meta stabbiliet il-prezzijiet tal-bejgħ domestiku. Gie argumentat illi minkejja l-fatt illi l-kumpanniji kienu eżenti mit-taxxi fuq il-bejgħ matul il-PI, il-prezzijiet tal-fattura mitluba mill-klijenti kienu prezzijiet illi kienu jinkludu kollox u illi kienu fil-fatt miġburin taxxi fuq il-bejgħ mill-klijent u sussegwentement imħallsin lill-gvern.

[1] ĠU L 288, 21.10.97, p. 1.

(47) L-informazzjoni provduta mill-produtturi wara l-imposizzjonijiet tal-miżuri provviżorji tikkontradixxi l-informazzjoni miġbura u verifikata fuq il-post illi fuqha l-konklużjonijiet provviżorji kienu ibbażati. Barra minn hekk, ma ġiet provduta l-ebda prova sabiex issostni l-pretensjoni illi t-taxxa fuq il-bejgħ kienet fil-fatt ġiet miġbura mill-klijent u illi kienet fil-fatt imħallsa lill-gvern. L-investigazzjoni kjarament kixfet illi l-kumpanniji konċernati ibbenefikaw minn skema ta' eżenzjoni minn taxxa fuq il-bejgħ illi kienet applikabbli għall-bejgħ u x-xiri tal-prodotti konċernati matul il-PI. Il-prezzijiet tal-bejgħ fuq il-fatturi kummerċjali kienu nstabu illi kienu "ħielsa mit-taxxi tal-bejgħ" u d-dokumenti relevanti interni dwar il-politika tal-prezzijiet indikaw illi t-taxxa fuq il-bejgħ kienet "fil-preżent xejn". Il-bażi legali ta' l-iskema ta' l-eżenzjoni mit-taxxa fuq il-bejgħ kienet eżaminata fid-dettall u ma kienet instabet l-ebda indikazzjoni illi tappoġġja t-talba tal-kumpannija. Il-konklużjonijiet provviżorji qegħdin jiġu konsegwentement konfermati.

Livell ta' negozju

(48) Produttur esportatur Malasjan reġa' għamel it-talba tiegħu għall-aġġustament għad-differenzi fil-livell tan-negozju bejn il-bejgħ tal-prodotti konċernati fuq is-suq domestiku u s-suq għall-esportazzjoni.

(49) Fin-nuqqas ta' xi provi illi juri d-differenza konsistenti u distinti fil-funzjonijiet u l-prezzijiet tal-bejjegħ għall-livelli allegatament differenti fin-negozju fuq is-suq domestiku tal-pajjiż esportatur, il-konklużjonijiet provviżorji, kif deskritti fil-premessa 69, qegħdin jiġu konfermati.

Spejjeż fuq kreditu

(50) Produttur esportatur Malasjan talab illi ma jittieħed l-ebda kont ta' l-ispejjeż fuq kreditu fuq it-transazzjonijiet ta' bejgħ domestiku matul il-PI.

(51) Fin-nuqqas ta' talba sostanzjata għall-aġġustament għad-differenza fl-ispejjeż tal-kreditu fiħdan il-limiti ta' żmien it-talba ma setgħetx tkun verifikata u għalhekk kellha tiġi miċħuda.

(52) Il-produttur esportatur l-ieħor Malasjan talab illi r-rata ta' imgħax applikata għall-kalkolu ta' l-ispejjeż ta' kreditu fuq in-naħa ta' l-esportazzjoni fir-Regolament provviżorju ma kenitx korretta.

(53) Il-konklużjonijiet provviżorju illi għandhom x'jaqsmu ma' din il-kwistjoni ġew riveduti u ġie konkluż illi r-rata ta' imgħax hi applikabbli mill-kumpannija fir-risposti tal-kwistjonarju tagħha kif inhu tabilħaqq aktar xieraq u wara li l-kalkoli jkunu ġew riveduti skond il-każ.

Skondi u tnaqqis

(54) Produttur esportatur Indjan reġa' għamel it-talba tiegħu illi l-valur normali għandu jiġi aġġustat mill-ammont ta' "skont ta' fedeltà" mogħtija lil ċertu klijent fuq is-suq domestiku.

(55) Instab illi l-iskont in-kwistjoni kien tħallas wara l-PI jekk u kif kondizzjonijiet speċifiċi kienu ġew segwiti. Kif imsemmi fil-premessa 35 tar-Regolament provviżorju, m'hemm l-ebda prova illi l-iskema ta' skont kienet ġiet konsistentement u storikament użata. Fil-fatt, kien għadu ma sar l-ebda ħruġ taħt l-iskema. Għaldaqstant, *a tenur* ta' l-Artikolu 2 (10)(ċ) tar-Regolament bażiku, illi jistipula illi għandu jiġi mogħti aġġustament biss meta t-talba tkun ibbażata fuq prattika konsistenti fil-perjodu ta' qabel, inkluża l-osservanza mal-kondizzjonijiet meħtieġa sabiex tikkwalifika għall-iskont, it-talba kellha tiġi miċħuda.

Spejjeż ta' maneġġjar

(56) Gie innutat żball klerikali fil-kalkolu ta' l-aġġustamenti illi għandhom jingħataw sabiex jiġu maneġġjati l-pożijiet fuq in-naħa ta' l-esportazzjoni għal produttur esportatur Indjan. Dan l-iżball ġie ikkoreġut.

Oħrajn

(57) Produttur esportatur Indjan sfida r-raġunijiet illi fuqhom hi bazata t-talba għall-*allowance* għas-salarji tal-bejjiegħa kemm fis-suq domestiku kif ukoll fis-suq għall-esportatazzjoni. Dan il-produttur ipprovda informazzjoni ġdida illi issostni t-talba tiegħu.

(58) Madankollu, l-informazzjoni jew il-provi in-kwistjoni, minkejja illi ġew speċifikament mitluba fil-kwistjonarju, ma kienux disponibbli sakemm ma saritx il-verifika fuq il-post. Fin-nuqqas ta' talba għall-aġġustament għas-salarji tal-bejjiegha illi tiġi sostanzjanta sa l-iskadenzi iffissati għal dan il-għan, it-talba ma tistax tiġi verifikata u għalhekk għandha tiġi miċħuda.

4. **Marġni tad-*dumping* għall-kumpanniji investigati**

(59) Produttur esportatur Korean talab illi l-Kummissjoni titlaq mir-regola illi tinstab fl-Artikolu 2 (11) tar-Regolament bażiku billi tqabbel il-valur medja normali peżata mal-prezzijiet ta' l-esportazzjoni individwali sabiex jiġi kalkulat il-marġini tad-*dumping*. Dan il-paragun kien kunsidrat bħala diskriminatorju b'kuntrast mal-metodoloġija użata għall-produtturi esportaturi Koreani. Il-kumpannija, illi ipprovdiet aktar informazzjoni wara l-izvelar provviżorju, ipprovdiet figuri għall-prezzijiet medji peżati għal kull klijent u reġjun li allegaw illi dawn il-varjazzjonijiet fil-prezzijiet ma setgħux jiġu konsidrati sostanzjali. Barra minn hekk, talbet illi dawn il-varjazzjonijiet jirriżultaw mid-differenzi fil-kondizzjonijiet tal-kompetizzjoni fis-suq tal-Komunità u mhux mill-intenzjoni illi jiġi prattikat *dumping* mirat.

(60) Għad-determinazzjoni provviżorja, l-Kummissjoni qieset illi l-metodu ta' kalkolazzjoni użat għall-produtturi esportaturi l-oħrajn (ara l-premessa 60 tar-Regolament provviżorju), ma setax, fil-każ partikolari ta' din il-kumpannija, irrifletta pjenement il-livell ta' *dumping* illi kien qiegħed iseħħ. Barra minn hekk, instab illi d-disinn tal-prezzijiet ta' l-esportazzjoni kien bil-wisq aktar differenti bejn il-bejjiegħa u r-reġjuni differenti. Konsegwentement, il-valur normali stabbilit fuq il-bażi tal-medja peżata kienet imqabbla mal-prezzijiet tat-transazzjonijiet individwali kollha ta' l-esportazzjoni lejn il-Komunità.

(61) Il-metodoloġija użata mill-Kummissjoni sabiex tqabbel il-valur normali medja peżata mal-prezzijiet ta' l-esportazzjonijiet individwali segwiet pjenement ir-regola stabbilita fl-Artikolu 2 (11) tar-Regolament bażiku. It-tieni ta' l-Artikolu 2 (11) kjarament jiddikjara illi l-valur normali stabbilit fuq il-bażi tal-medja peżata jista' jiġi paragunat mal-prezzijiet tat-transazzjonijiet kollha individwali ta' l-esportazzjoni lejn il-Komunità jekk ikun hemm disinn ta' prezzijiet ta' l-esportazzjonijiet illi jvarja sostanzjalment bejn ix-xerrejja differenti, ir-reġjuni u l-perjodu ta' żmien, u jekk il-paragran tal-valur normali u l-prezzijiet ta' l-esportazzjoni fuq il-bażi ta' medja peżata ma jirriflettix il-grad sħiħ tad-*dumping*. Fil-każ preżenti, dawn iż-żewġ kundizzjonijiet ta' hawn fuq jiġu milħuqa. Anke jekk wara l-korrezzjonijiet fuq il-prezzijiet ta' l-esportazzjonijiet previsti mill-produtturi esportaturi, kienet ukoll prova illi d-disinn tal-prezzijiet inbidel sostanzjalment bejn ix-xerrejja u r-reġjuni u l-grad sħiħ ta' *dumping* ma kienx rifless meta ġie ipparagonat il-valur normali u l-prezzijiet ta' l-esportazzjonijiet fuq il bażi tal-medja peżata.

(62) Huwa għalhekk ikkunsidrat illi ma kien hemm l-ebda diskriminazzjoni bejn il-produtturi esportaturi Koreani iżda biss applikazzjoni tar-regola korretta għal kull sitwazzjoni speċifika. Il-konklużjonijiet provviżorji qegħdin għalhekk jiġu konfermati.

(63) Kumpannija Tajwaniża talbet illi l-paragun tal-valur normali kalkolat u l-prezzijiet ta' l-esportazzjonijiet isiru fuq bażi mensili filwaqt illi jigi allegat illi matul il-PI kien hemm varjazzjonijiet sostanzjali fl-ispejjeż u l-prezzijiet dovuti għall-bidliet fil-prezzijiet għall-materja prima.

(64) Il-bidliet fl-ispejjeż u l-prezzijiet matul il-PI kienu kważi inevitabbli fl-investigazzjoni ta' kontra d-*dumping*. Għallfini illi jiġi mqabbel il-valur normali mal-prezzijiet ta' l-esportazzjoni, il-Kummissjoni stabbiliet medju peżat taż-żewġfatturi, u għalhekk qieset l-effett tal-bidliet, b'mod partikolari fil-każ ta' dan il-produttur esportatur fejn hemm *parallel* ċar bejn l-evoluzzjoni ta' l-ispejjeż u l-prezzijiet. Qiegħed jiġi meqjus illi s-sitwazzjoni partikolari talkumpannija illi għamlet it-talba ma tiġġustifikax id-devjazzjoni mill-metodoloġija użata għall-prattika konsistenti tal-Kummissjoni sabiex tuża perjodu ta' żmien differenti i.e. ta' kull xhar, għall-paragun bejn il-valur normali u l-prezzijiet ta' l-esportazzjonijiet u annwali għall-passi l-oħra fil-kalkolu tad-*dumping*.

(65) Barra minn hekk, għandu jiġi innutat illi l-kumpannija m' għamlitx din it-talba fir-risposta tagħha għall-kwistjonarju jew waqt il-verifika fuq il-post, minkejja illi hija bażata fuq fatti illi kienu magħrufa sew mal-kumpanniji f'dak iż-żmien. L-informazzjoni l-oħra kollha relevanti missha ġiet mogħtija qabel ma għalaq iż-żmien illi kien ġie stabbilit oriġinarjament. It-tagħrif mogħtiħafna xhur wara illi għalaq iż-żmien stabbilit ma setax jiġi raġjonevolment verifikat u t-talba tal-kumpannija kellha konsegwentement tiġi miċħuda.

(66) Kumpannija Tajwaniża illi għaliha kien stabbilit illi l-bejgħ ta' l-esportazzjonijiet lejn il-Komunità kienu eżattament barra mill-PI talbet illi tiġi attribwita l-marġni tad-*dumping* medju tal-kumpanniji l-oħra illi kienu qegħdin jikkoperaw minflok il-marġni tar-residwu tad-*dumping* għat-Tajwan, illi kien stabbilit f'livell ta' l-ogħla marġni tad-*dumping* misjub għall-kumpanniji illi qegħdin jikkoperaw.

(67) It-talba ġiet aċċettata. Għaldaqstant, il-marġni tad-*dumping* għall-kumpannija Nan Ya Plastics Corp huwa stabbilit fillivell tal-marġni tad-*dumping* medju tal-kumpanniji Tajwaniżi illi qegħdin jikkoperaw, i.e. 9,6 %.

(68) Iż-żewġ kumpanniji Tajwaniżi illi qegħdin jikkoperaw osservaw l-iżbalji klerikali fil-kalkolu tal-marġni tad-dumping provviżorju. Dawn l-iżbalji ġew korretti u l-marġni rispettivi tad-dumping kellhom jiġu mibdula skond il-każ.

(69) Fid-dawl ta' dan kollu ta' hawn fuq u fin-nuqqas talkummenti mill-partijiet interessati, ġie deċiż illi jiġu applikati l-metodi stabbiliti fir-Regolament provviżorju għallkumpanniji illi qegħdin jikkoperaw u għal dawk illi m'humiex.

(70) Il-paragun wera l-eżistenta ta' marġni tad-dumping de minimis għall-esportazzjonijiet tal-prodotti konċernati lill-Komunità magħmulin minn kumpannija Koreana waħda matul il-PI.

(71) Il-marġni tad-dumping definittiv, espress bħala persentaġġ tal-prezzijiet ta' l-importazzjoni SAT (Spejjeż, assigurazzjoni, Trasport) fuq il-fruntiera tal-komunità huma:

L-Indja	Reliance Industry Limited	51,5 %
	Pearl Engineering Polymers Limited	30,0 %
	Oħrajn	51,5 %
L-Indoneżja	P.T. Bakrie Kasei Corporation	63,5 %
	P.T. Indorama Synthetics Tbk	15,2 %
	P.T. Polypet Karyapersada	73,7 %
	Oħrajn	73,7 %
Ir-Repubblika tal-Korea	Honam Petrochemical Corporation	19,8 %
	Tongkok Corporation	55,8 %
	Daehan Synthetic Fiber Corporation	5,1 %
	Sk Checmicals Corporation	1,4 % *de minimis*
	Oħrajn	55,8 %
Il-Malasja	Hualon Corporation (M) Sdn. Bhd.	7,8 %
	MPI Polyester Industry Sdm. Bhd.	34,2 %
	Oħrajn	34,2 %
It-Tajwan	Far Eastern Textile Ltd	7,8 %
	Shingkong Synthetic Fibers Corporation	7,8 %
	Tuntex Distinct Corp.	12,4 %
	Nan Ya Plastics Corporation	9,6 %
	Oħrajn	12,4 %
It-Tajlandja	Thai Shingkong Industry Corporation Limited	32,5 %
	Oħrajn	32,5 %

E. **INDUSTRIJA TAL-KOMUNITÀ**

(72) Fin-nuqqas ta' informazzjoni ġdida mogħtija fir-rigward tad-definizzjoni ta' l-industrija tal-Komunità, l-konklużjonijiet stabbiliti fil-premessi 87 sa 92 tar-Regolament provviżorju huma konfermati.

F. **DANNI**

1. **Rimarki preliminari**

(73) Ċerti partijiet interessati kuntestaw l-użu ta' informazzjoni mogħtija mill-Komunità għall-perjodu 1996 'il quddiem, waqt li żviluppi fis-suq qabel dan il-perjodu kienu bazati fuq informazzjoni ta' ricerka minn suq indipendenti.

(74) Il-Kummissjoni kienet ikkunsidrat illi d-data mogħtija mill-industrija tal-Komunità għas-sena 1995 ma setgħetx tkun dovuta għall-qasma bejn *Kodak* u *Eastment* fl-1995 u għar-ristrutturar ta' l-attivitajiet ta' *Shell*. La *Shell* u lanqas *Eastman* ma kienu kapaċi jipprovdu figuri sħaħ għal din is-sena.

(75) Madankollu, l-Kummissjoni kienet ikkunsidrat illi huwa essenzjali illi tagħti l-istampa ġenerali tal- kriżi ta' skarsezza illi laqtet lis-suq tal-Komunità fl-1995 in-vista ta' l-impatt illi din il-ġrajja kellha kemm fuq il-prezzijiet kif ukoll għall-ġenerazzjoni ta' qligħ mill-industrija tal-Komunità. Fil-fatt, l-użu ta' l-informazzjoni indipendenti dwar ir-riċerka fuq is-suq kien konsidrat bħala xieraq sabiex tiġi stabbilita d-data bażika għall-evalwazzjoni tas-sitwazzjoni ta' l-industrija tal-Komunità matul il-perjodu ta' analiżi, kif spjegat fil-premessa 97 tar-Regolament provviżorju.

2. **Konsum**

(76) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe informazzjoni ġdida mogħtija f'sens kuntrarju, l-konklużjonijiet fir-rigward tal-konsum fil-komunità tal-prodotti konċernati kif dettaljat fil-premessi 100 u 101 tar-Regolament provviżorju huma konfermati.

3. **Importazzjonijiet mill-pajjiżi konċernati**

(77) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe informazzjoni ġdida, l-konklużjonijiet fir-rigward tal-volum u l-prezzijiet ta' l-importazzjonijiet mill-pajjiżi konċernati huma konfermati.

Stima Kumulattiva ta' l-effetti ta' l-importazzjonijiet konċernati

(78) Esportatur Indoneżjan talab illi l-importazzjonijiet illi joriġinaw fl-Indoneżja m' għandhomx jiġu stmati kumulattivament ma' l-importazzjonijiet l-oħra konċernati, speċjalment fid-dawl tad-differenza fit-tendenza taħt investigazzjoni. Dan l-argument kien diġa' ġie eżaminat fil-premessa 106 tar-Regolament provviżorju u peress illi ma nghatat l-ebda informazzjoni ġdida, l-Kummissjoni ma tistax taċċetta din it-talba.

(79) Il-konklużjoni illi l-importazzjonijiet illi joriġinaw fl-Indoneżja għandhom jiġu meqjusa kumulattivament ma' l-importazzjonijiet mill-pajjiżi l-oħra konċernati hija għaldaqstant konfermata.

4. **Sitwazzjoni ta' l-Industrija tal-Komunità**

(80) Skond l-Artikolu 3(5) tar-Regolament bażiku, l-eżami ta' l-impatt ta' l-importazzjonijiet illi huma l-oġġetti tad-*dumping* fl-industrija tal-Komunità inkludiet evalwazzjoni tal-fatturi kollha relevanti u l-indiċi illi għandhom effett fuq l-istat ta' l-industrija tal-Komunità. L-eżami inkluda l-fatturi kollha speċifikatament elenkati fl-Artikolu 3(5) tar-Regolament bażiku. Madankollu, ċerti fatturi m'humiex imsemmijin dettaljatament minħabba illi nstabu illi ma kienux relevanti għall-istima tas-sitwazzjoni ta' l-industrija tal-Komunità fil-kors ta' l-investigazzjoni (l-pagi u l-istokk ara hawn taħt). Fir-rigward ta' l-impatt ta' l-industrija tal-Komunità tal-magnitudini tal-marġni attwali tad-dumping, fid-dawl tal-volum u l-prezzijiet ta' l-importazzjonijiet mill-pajjiżi konċernati, dan l-impatt ma jistax jiġi kunsidrat illi huwa negliġibbli.

Fatturi illi ġew eżaminati fir-Regolament provviżorju

— Investment:

(81) Instab illi whud mill-investimenti illi saru mill-produtturi tal-Komunità illi qegħdin jikkoperaw ma kienux ġew konsidrati fl-istadju provviżorju. Wara l-inklużjoni ta' dawn il-figuri, s-sitwazzjoni ta' l-investiment ma tibdilx it-tendenza stabbilita minn qabel.

(82) Xi partijiet interessati argumentaw illi l-medda ta' l-investimenti illi saru fl-1998 mill-industrija tal-Komunità indikat illi kienet fi stat ta' saħħa finanzjarja tajba. Oħrajn irrimarkaw illi kieku l-livell ta' l-investimenti kien baxx matul il-PI, din kienet konsegwenza tas-snin ta' qabel illi fihom l-industrija tal-Komunita kienet irreġistrat it-telf u illi dan ma setax jiġi attribwit għall-effett ta' l-importazzjonijiet illi kienu l-oġġett ta' *dumping* matul il-PI.

(83) F'dan ir-rigward, l-investigazzjoni uriet biċ-ċar illi l-ispejjeż ta' l-investimenti magħmulin fl-1997, 1998 u fil-PI kienu prinċiparjament konsegwenza tad-deċiżjonijiet meħuda fl-1995 u l-1996 meta l-prospetti fis-settur tal-PET kienu tajbin (minkejja illi iġġarrab telf fl-1996, din is-sitwazzjoni kienet meqjusa bħala waħda temporanja). F' industrija bħal din, huwa aktar relevanti illi jiġu eżaminati l-pjanijiet għall-investiment milli l-ippjanar skond iż-żmien ta' l-ispiża attwali. Kif intqal fil-premessa 124 tar-Regolament provviżorju, huwa konfermat illi, bħala konsegwenza ta' deterjorament ulterjuri tas-sitwazzjoni finanzjarja tagħha dovuta għad-*dumping* illi rizulta dannuż matul il-PI, l-industrija tal-Komunita ma ippjanat l-ebda espansjoni sinifikanti fil-kapaċità sabiex tlaħħaq maż-żjidiet fid-domanda fil-futur.

— Salarji u stokk:

(84) Is-salarji u l-istokk ġew eżaminati wkoll, madankollu, s-salarji ma kienux meqjusin bħala fattur relevanti peress li s-sehem tagħhom mill-ispejjeż globali huwa żgħir u baqa' stabbli matul il-perjodu ta' analiżi. Fir-rigward ta' l-istokk, peress illi s-suq tal-PET fis-suq huwa ta' natura staġjonali, l-livelli ta' l-istokk fis-suq instabu illi varjaw ħafna matul is-sena u għalhekk ma ġewx meqjusa bħala sinifikattivi għall-analiżi tad-danni.

— Tkabbir:

(85) Minkejja illi ma kienitx speċifikatament imsemmija fir-Regolament provviżorju, l-Kummissjoni eżaminat ukoll it-tkabbir fl-analiżi tas-sehem tas-suq illi kixef telfħafif għall-industrija tal-Komunità fil-perjodu ta' analiżi.

Fatturi oħra eżaminati

(86) Is-sitwazzjoni ta' l-industrija tal-Komunità fir-rigward ta' indikaturi segwenti kienet eżaminata ulterjorment.

— Kapaċità illi żżid il-Kapital.

(87) Kif kien ukoll imsemmi fir-Regolament provviżorju, l-livell ta' telf esperjenzjat matul il-PI kien tali illi ma kien hemm l-ebda pjan ta' investiment ġdid illi dwaru seta' jintlaħaq ftehim matul il-PI. Kjarament, dan ma tejjibx il-kapaċità ta' l-industrija tal-Komunità b'mod illi jiżdied il-kapital matul dan il-perjodu minkejja illi kien antiċipat illi ser tiżdied id-domanda.

— Produttività:

(88) Il-produttività fir-rigward tat-tunnellati ta' prodotti għal kull impjegat żdiedet b'67 % mill-1996 sal-PI u b' 21 % mill-1998 sal-PI. Din iż-żjieda konsiderevoli fil-produttività turi illi l-industrija tal-Komunità għamlet l-isforzi kollha meħtieġa sabiex tibqa' kompetittiva.

— Qligħ fuq l-investimenti (QFI):

	1996	1997	1998	PI
Qliegħ fuq il-kapital impjegat [1]	−6 %	−7 %	1 %	−8 %

[1] Il-qligħ fuq il-kapital impjegat huwa definit bħala profitt ta' qabel it-taxxa wara illi jkun sar l-aġġustament xieraq għal xi dividendi fuq l-ishma preferenzjali, *debentures* u imgħax fuq is-self fit-tul imħallas/riċevut sabiex tiġi kalkulata dik il-figura kif diviża bit-total ta' ishma mill-kapital u riservi flimkien ma' *debentures* u self fit-tul iehor

(89) L-indikatur ta' hawn fuq jirrifletti s-sitwazzjoni globali ta' l-industrija tal-Komunità (inkluża l-aktar il-linja tan-negozju tal-PET). Il-verifika wriet illi parti kbira mit-tendenza negattiva fil-PI tista' tiġi attribwita lis-settur tal-PET. Dan l-indikatura huwa in-linea mad-deterjorament tal-profitabilità ta' l-industrija tal-Komunità.

— Il-fluss tal-kontanti:

(EUR)

1996	Dħul nett in-kontanti (ħruġ) fluss mill-attivitajiet ta' operazzjoni.	– 79 002 884
1997	Dħul nett in-kontanti (ħruġ) fluss mill-attivitajiet ta' operazzjoni.	84 901 988
1998	Dħul nett in-kontanti (ħruġ) fluss mill-attivitajiet ta' operazzjoni.	132 915 718
IP	Dħul nett tal-kontanti (ħruġ) fluss mill-attivitajiet ta' operazzjoni.	51 115 757

(90) L-indikatur ta' hawn fuq jirrifletti s-sitwazzjoni globali ta' l-industrija tal-Komunità (inkluż l-aktar in-negozju kummerċjali tal-PET.) Jirrappreżenta r-riżultat tal-pjan gross operattiv ta' dawn il-kumpanniji, i.e., il-bejgħ illi minnu jitnaqqas l-ispejjeż tal-bejgħ u qabel il-piżijiet finanzjarji, t-tnaqqis fil-valur, provižjonijiet u taxxi. Il-verifika wriet illi parti kbira mid-deterjorament waqt il-PI kienet attribwibbli għas-settur tal-PET.

5. **Argumenti ulterjuri illi tqajmu**

Argumenti ġenerali mqajjmin fir-rigward tal-konklużjonijiet tal-Kummissjoni

(91) Uħud mill-partijiet interessati poġġew ghal diskussjoni l-konklużjonijiet tal-Kummissjoni fir-rigward tad-danni peress illi uħud mill-indikaturi tad-danni wrew jew tendenza illi dejjem qiegħda tiżdied jew inkella tinsab stabbli. F'dan ir-rigward, numru ta' partijiet interessati ippuntaw għal-livell baxx ta' tqaċċit fil-prezzijiet, iż-żjieda fil-volum ta' bejgħ u l-istabbilità globali tas-sehem mis-suq. Huma ikkunsidraw illi dawn l-indikaturi wrew illi l-industrija tal-Komunità kienet b'saħħitha u minkejja illi l-prezzijiet kienu baxxiħafna, kienu f'livelli normali filwaqt li ttieħed kont tal-kondizzjonijiet viġenti tas-suq.

(92) Dan l-argument ma setax jiġi aċċettat. Kif stabbiliti fir-Regolament provviżorju, ż-żjieda fil-bejgħ u l-irkupru tas-sehem mis-suq matul il-PI, wara t-telf ta' 5 punti perċentwali bejn l-1997 u l-1998, ġrat meta l-industrija tal-Komunità naqqset konsiderevolment il-prezzijiet tagħha biex tqabbilhom ma' dawk ta' l-importazzjonijiet illi huma l-oġġett tad-*dumping*. Kif spjegat fir-Regolament provviżorju, ġie stabbilit illi l-importazzjonijiet kienu saru bi prezzijiet illi kienu bħal dawk ta' l-oġġetti illi kienu ġew mitfugħa fuq is-suq. F'dan ir-rigward, il-livell baxx ta' tnaqqis eċċessiv fil-prezzijiet jirrizulta mill-fatt illi l-prezzijiet ta' l-industrija tal-Komunità kienu twaqqgħu matul il-PI. Dan it-twaqqiegħ fil-prezzijiet kien ir-riżultat ta' l-importazzjonijiet illi huma l-oġġett ta' dumping, illi kienu sostanzjali ħafna fir-rigward tal-volum tagħhom u tas-sehem tagħhom mis-suq u illi ġiegħlu lill-industrija tal-Komunità tirreaġixxi billi tnaqqas il-prezzijiet tagħha.

Żviluppi illi ġraw wara l-IP

(93) Ħafna partijiet interessati u delegati mill-Istati Membri talbu lill-Kummissjoni illi tanalizza u tqis ċertu żviluppi illi seħħew wara l-PI. B'mod partikolari, dawn il-partijiet enfasizzaw iż-żjiedaħesrem u sostanzjali fil-prezzijiet tal-PET ta' industrija tal-Komunità fir-rigward taż-żjieda fl-ispejjeż tal-materja prima. Skond dawn il-partijiet, is-sitwazzjoni ta' l-industrija tal-Komunità tjiebet drammatikament mill-PI u x'aktarx l-industrija tal-komunità ma kenitx għadha tbati danni materjali.

(94) Għandu jiġi mfakkar illi l-Artikolu 6(1) tar-Regolament provviżorju ipprovda illi l-informazzjoni fir-rigward tal-perjodu ta' wara l-PI m'għandhiex normalment titqies. Fuq il-bażi tal-ġurisprudenza tal-Qorti, l-iżviluppi illi jseħħu wara l-PI jistgħu jittieħdu in-konsiderazzjoni biss jekk huma jagħmlu l-imposizzjoni ta' miżuri ta' kontra d-*dumping* pależement mhux xierqa.

(95) Il-Kummissjoni analizzat l-iżviluppi fis-suq tal-PET matul il-perjodu ta' disa' xhur wara l-PI, i.e., l-1 ta' Ottubru, 1999 sat-30 ta' Gunju, 2000. Instab illi l-prezzijiet għall-bejgħ tal-PET illi sar mill-industrija tal-Komunità fis-suq tal-Komunità wera żjieda kontinwa. Il-prezz tal-bejgħ medju għal matul il-perjodu ta' disa' xhur kien ta' madwar 40 % ogħla mill-medja misjuba għall-PI. Din iż-żjieda kienet aktar mgħaġġla miż-żjieda fl-ispejjeż (madwar 20 %) illi kienu jwasslu għal titjib fis-sitwazzjoni finanzjarja ta' l-industrija tal-Komunità. Barra minn hekk, medjament, matul dan il-perjodu ta' disa' xhur, il-qliegħ fuq il-bejgħ għall-industrija tal-Komunità kien għadu negattiv f' -2 % u dan jindika illi l-prestazzjoni finanzjarja baqgħet insodisfaċenti u mbiegħda mil-livell li jista' jassigura l-vjabbiltà ta' din l-industrija.

(96) Il-bidla drammatika tal-prezzijiet toriġina prinċiparjament fiż-żieda fil-prezzijiet taż-żejt illi seħħet u ilha sseħħ min-nofs tas-sena 1999 u illi affettwat viżibilment il-prezzijiet tal-polimeri ftit xhur wara. Għandu jiġi innutat ukoll illi kien hemm żjieda uniformi stabbli fil-bejgħ u fis-sehem mis-suq ta' l-industrija tal-Komunità a-skaptu ta' l-importazzjonijiet illi huma l-oġġetti tad-*dumping*. Madankollu, t-tnaqqis fil-volum ta' l-importazzjonijiet illi huma l-oġġetti tad-*dumping* jistgħu jkunu konsegwenza tal-ftuħ ta' investigazzjoni ta' kontra d-*dumping*. Fil-każ preżenti, l-iżvilupp fir-rata ta' skambju tad-dollaru/Ewro kellu wkoll l-effetti illi jagħmel l-importazzjonijiet in-kwistjoni anqas attraenti.

(97) Għandu wkoll jiġi innutat illi r-rati ta' skambju, kif ukoll il-prezzijiet taż-żejt, huma estremament volatili u l-bidliet jistgħu jkunu temporanji. Barra minn hekk, kieku kellha tintemm l-investigazzjoni ta' kontra d-*dumping* illi għaddejja bħalissa mingħajr ma jiġu imposti xi miżuri, ikun probabbli illi l-importazzjonijiet li huma l-oġġetti tad-*dumping* jerġgħu jiksbu rapidament is-sehem tagħhom mis-suq.

(98) Fuq il-bażi ta' dan illi hawn hawn fuq, ġie konkluż illi l-iżviluppi li seħħew wara l-PI ma jurux illi d-danni kawżati mill-importazzjonijiet illi huma l-oġġetti tad-*dumping* għebu. Bħala riżultat, l-imposizzjoni tal-miżuri ta' kontra d-*dumping* huma pależement m'humiex xierqa.

6. **Konklużjoni dwar id-danni**

(99) Peress illi l-ebda argument ieħor ma kien riċevut fir-rigward tad-danni sofferti mill-industrija tal-Komunità, l-konklużjoni illi l-industrija tal-Komunità sofriet danni materjali fis-sens ta' l-Artikolu 3 tar-Regolament bażiku kif stabbilit fil-premessi 125-128 tar-Regolament provviżorju, qiegħed hawnhekk jiġi konfermat.

G. **KAWŻALI**

(100) Ħafna partijiet interessati komplew jargumentaw illi l-Kummissjoni ikkonkludiet ħażin illi l-importazzjonijiet illi joriġinaw fil-pajjiżi konċernati kienu l-kawża tad-danni illi sofriet l-industrija tal-Komunità billi, fil-fehma tagħhom, is-sitwazzjoni ta' din l-industrija u l-livell tal-prezzijiet fis-suq tal-Komunità kienu dovuti għal numru ta' fatturi oħrajn. F'dan il-kuntest huma saħqu l-punti illi diġa' tqajmu fl-istadju provviżorju (inklużi l-prezzijiet tal-materja prima, is-sitwazzjoni ta' kapaċità aktar milli jiflaħ is-suq, il-kompetizzjoni bejn il-prodotti tal-PET.)

(101) Peress illi ma ġew riċevuti l-ebda argumenti oħrajn fir-rigward tal-kawża tad-danni sofferti mill-industrija tal-Komunità, l-konklużjoni illi l-importazzjonijiet tal-PET mill-pajjiżi konċernati kienet ikkawżat danni lill-industrija tal-Komunità kif dikjarat fil-premessa 148 tar-Regolament provviżorju qiegħed jiġi hawnhekk konfermat.

H. **INTERESS TAL-KOMUNITA**

1. **Effett probabbli ta' l-imposizzjoni tal-miżuri fuq l-industrija illi tipproduċi għall-użu fil-produzzjoni**

Investigazzjoni ulterjuri

(102) In-vista tal-livell baxx tal-koperazzjoni mill-utenti matul l-ewwel stadju ta' l-investigazzjoni, l-Kummissjoni iddeċidiet illi tinvestiga aktar l-effett probabbli ta' l-imposizzjoni tal-miżuri fuq l-industrija illi tipproduċi għall-konsum. Għaldaqstant, il-Kummissjoni bagħtet 90 kwestjonarju ġdid u simplifikat lill-utenti tal-PET. Uħud minn dawn l-utenti kienu diġa ġew ikkuntattjati iżda ma kienux irrispondew. 19-il kumpannija illi qabel kienu ikkuntattjati iżda ma kienux irrispondew taw risposti sinifikativi ħafna qabel ma skada ż-żmien stabbilit.

Il-kumpanniji l-ġodda illi qegħdin jikkoperaw huma:

— tliet konvertituri tal-preforma u l-fliexken:
Lux PET GmbH & Co. (il-Lussemburgu)
Puccetti SpA (l-Italja)
EBP SA (Spanja)

— erba' produtturi tat-tertuqa u l-folji tal-PET illi jużaw il-prodotti konċernati:
RPC Cobelplast Montonate Srl (l-Italja)
Moplast SpA (l-Italja)
Alusuisse Thermoplastic (UK)
Klöckner Pentaplast BV (l-Olanda)

— erba' produtturi tax-xarbiet minerali:
L'Abeille (Franza)
Pepsico Food Beverages Intl. Ltd (l-Italja)
Pepsico France (Franza)
Europe Embouteillage Snc (Franza)

— tmien produtturi ta' l-ilma minerali u naturali:
Aguas Minerales Pasqual S.L. (Spanja)
Eycam Perrier SA (Spanja)
Font Vella SA & Aguas de Lanjarón SA (Spanja)
Italaquae SpA (l-Italja)
Neptune SA (Franza)
Roxane SA (Franza)
San Benedetto (l-Italja)
Società generale delle acque minerali arl (l-Italja).

(103) B'kollox, id-data mogħtija mill-kumpanniji illi mlew jew l-ewwel jew it-tieni kwestjonarju kopriet 26 % tal-konsum tal-PET fil-Komunità matul il-PI. Il-figuri ta' l-ispejjeż stabbiliti bl-aggregazzjoni ta' din l-informazzjoni ġew konsidrati rappreżentattivi tad-diversi sotto-setturi ta' l-utenti, peress illi l-informazzjoni dwar il-kumpanniji individwali wrew livell qawwi ta' konsistenzi fost il-kumpanniji illi jappartjenu għall-istess sotto-setturi.

(104) Wara l-imposizzjoni tal-miżuri provviżorji, l-Kummissjoni rċiviet ħafna sottomissjonijiet mill-utenti jew l-assoċjazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom. Dawn prinċiparjament kienu jikkomprendu l-kummenti dwar l-iżviluppi ta' l-imgħoddi fis-suq tal-PET u d-diskussjonijiet dwar l-impatt possibbli tal-miżuri fis-setturi ta' l-utenti. Dawn is-sottomissjonijiet oriġinaw minn:

— Schmalbach-Lubeca, l-akbar konvertitur fl-Ewropa (18 % tal-konsum tal-PET tal-Komunità);

— L-Assoċjazzjoni tal-"European plastic converters" (EUPC);

— UNESDA, assoċjazzjoni illi tirrappreżenta l-produtturi tax-xarbiet minerali;

— il-Grupp Nestlé, filwaqt illi jisħaq illi l-figuri mogħtija għas-suq Franċiż huma rappreżentattivi tas-suq globali Ewropew. (Ix-xirja totali Ewropea tal-PET permezz tal-grupp jirrappreżenta madwar 9 % tal-konsum tal-Komunità tal-PET illi minnu 3 % huwa għas-suq Franċiż biss).

(105) Dawn is-sottomissjonijiet, kif ukoll dawk magħmula mill-assoċjazzjonijiet illi jirrappreżentaw il-produtturi ta' l-ilma (illi kienu għamlu lilhom infushom magħrufa matul l-ewwel stadju ta' l-investigazzjoni) kienu ġew meqjusa u, fit-total, is-sottomissjonijiet kollha jirrappreżentaw mill-anqas nofs is-suq.

Deskrizzjoni tas-setturi ta' l-utenti

(106) Wara li ġiet analizzata l-informazzjoni kollha provduta, instab illi s-settur ta' l-utenti li kienu preċedentement kunsidrati bħala tliet gruppi (dawk li jagħmlu il-preforom, il-produtturi ta' l-ilma u l-prodotturi tax-xarbiet minerali integrati), huwa akkuratament deskritt bħala żewġ gruppi:

— Il-konvertituri, inklużi l-manifatturi tal-preforom u l-fliexken kif ukoll l-produtturi tal-folji. Dawn l-utenti qegħdin jagħmlu attività ta' trasformazzjoni sempliċi; għaldaqstant, il-prezz tal-PET huwa definitivvament l-element ta' l-ispiża ewlenija tagħhom. Il-manifatturi tal-fliexken u l-preforom ibiegħu l-maġġoranza kbira tal-prodotti tagħhom lil dawk illi jibbottiljaw ix-xarbiet illi m'humiex alkoħoliċi. Il-produtturi tal-folji, illi jirrappreżentaw biss proporzjon żgħir tas-settur tal-konverżjoni, ibiegħu għal tipi differenti ta' l-industrija illi jużaw folji prinċiparjament sabiex jippakkjaw il-merkanzija tagħhom.

— Il-bottiljaturi tax-xarbiet illi m'humiex alkoħoliċi, inkluż l-ilma, x-xarbiet minerali kollha, kemm dawk illi fihom il-gass kif ukoll dawk illi ma fihomx, il-ħalib, il-meraq tal-frott, eċċ. Id-diviżjoni ta' dan il-grupp ta' utenti bejn il-produtturi ta' l-ilma u x-xarbiet minerali m'hix relevanti peress illi f'ħafna każijiet l-istess manifattur jibbottilja kemm l-ilma kif ukoll ix-xarbiet minerali. Huwa aktar relevanti illi ssir distinzjoni bejn ix-xarbiet differenti illi jipproduċi peress illi, f'termini relattivi, s-sehem mill-PET fil-prezz tagħhom tal-prodotti jiddependi fuq il-prezz intrisiku ta' dawk ix-xarbiet (luminati jew meraq tal-frott jeħtieġu materjal illi jkun jiswa aktar minn dak illi jkun jeħtieġl-ilma). Fi kwalunkwe każ, il-PET jibqa' element importanti mill-ispiża u l-problemi iffaċċjati mill-bottiljaturi fir-rigward tal-provvista tal-PET huma simili, indipendentement minn liema prodotti qegħdin jibbottiljaw.

(107) Għandu jiġi innutat illi hemm rabta viċina ħafna fl-operazzjoni bejn il-konvertituri (minbarra l-manifatturi tal-folji) u l-bottiljaturi.

— L-ibbotiljaturi jixtru kważi l-produzzjoni kollha tal-konvertituri.

— Kull konvertitur għandu numru limitat ta' klijenti (ta' sikwit wieħed biss).

— Il-konvertituri jaħdmu mal-klijenti tagħhom fuq il-bażi ta' appalt, u dawn l-appalti ta' sikwit jew jinkludu disposizzjonijiet illi awtomatikament jieħdu in-konsiderazzjoni l-bidliet fil-prezzijiet tal-PET jew jiġu negozjati mill-ġdid fuq bażi regolari.

Konsegwentement, l-impatt tal-miżuri kif deskritt hawn taħt m'għandux jiġi kumulat peress illi l-biċċa l-kbira ta' l-impatt tal-miżuri se jiġi direttament mgħoddi lill-klijenti prinċipali tal-konvertituri i.e., il-bottiljaturi tax-xarbiet non-alkoħoliċi.

Impatt prevedibbli tal-miżuri fuq l-utenti

(108) Wara illi jittieħed kont tal-figuri l-ġodda previsti, s-sitwazzjoni ta' l-utenti, illi supplixxiet l-informazzjoni totalment kwantifikata, kienet kif ġej:

		Konsum tal-PET bħala % tal-konsum tal-Komunità	PET bħala % tal-prezz tal-prodottuzzjoni	Impjegati involuti fil-produzzjoni illi tuża l-PET
Konvertituri	Produtturi tal-fliexken u l-preforom	7	66	770
	Produtturi tal-folji	1	55	186
Ibbotiljaturi ta' xarbiet illi mhumiex alkoħoliċi	Ilma minerali u naturali	18	24	6 766
	Xarbiet minerali	1	9	298
TOTAL		26		8 020

Impatt fuq il-konvertituri

(109) Gie stmat illi l-imposizzjoni tal-miżuri proposti kemm ta' kontra d-*dumping* kif ukoll miżuri kompensatorji (illi minnhom 15 % għandhom jiġu attribwiti lill-miżuri kompensatorji biss), minbarra li jittieħed kont tal-volumi tal-PET mixtrija illi ġejjin mill-pajjiżi konċernati matul il-PI, għandha tirriżulta f'żjieda ta' 4 % fil-prezz tal-produzzjoni tal-konvertituri illi jagħmlu il-preforom u l-fliexken (jekk jintużaw il-prezzijiet tal-PET ta' Lulju 2000, din iż-żjieda tkun ta' 2 %). Fl-istess termini, l-impatt tal-miżuri fuq il-produtturi tal-folji jkun ta' madwar 2,3 % (1,2 % bil-prezzijiet tal-PET għal Lulju 2000).

(110) Minħabba r-rabta kontrattwali mal-klijenti tagħhom, huwa probabbli illi l-konvertituri li jagħmlu l-preforom u l-fliexken ikunu jistgħu jgħaddu l-parti l-kbira ta' din iż-żjieda fl-ispiża lill-klijenti tagħhom. Dan huwa wkoll il-każ għall-manifatturi tal-folji. L-impatt dirett tal-miżuri fuq il-qliegħ mill-bejgħ ta' dawn il-kumpanniji qiegħed allura jiġi stmat illi jkun limitat.

(111) Ir-riskju ewlieni illi kien emfasizzat minn dawn l-utenti kien jirrigwarda r-rilokazzjoni possibbli ta' l-attivitajiet tal-konvertituri lejn pajjiżi barra mill-Komunita. Madankollu, l-Kummissjoni ma sabet l-ebda provi ġodda illi jissuġġerixxu illi kien ser ikun hemm dan ir-riskju, b'mod partikolari wara illiħadet in-konsiderazzjoni l-istima ta' l-impatt tal-miżuri proposti fuq in-naħa l-waħda u l-ispejjeż u l-izvantaġġi marbutin mar-rikolazzjoni fuq in-naħa l-oħra. Fil-premessa 179 tar-Regolament provviżorju, kien stamt illi l-ispejjeż addizzjonali illi jirrigwardaw it-trasport biss kienu jirrappreżentaw żjieda ta' 2,5 % fl-ispejjeż. Barra minn hekk, kien ukoll spjegat illi l-konsiderazzjonijiet tal-prossimità, l-flessibilità u l-affidabilità tal-forniturikienu essenzjali għall-utenti.

Impatt fuq il-bottiljaturi tax-xarbiet non-alkoħoliċi

(112) Gie stmat li l-imposizzjoni tal-miżuri proposti kemm kontra d-*dumping* kif ukoll miżuri kompensatorji, filwaqt illi jittieħed kont tal-volumi tal-PET mixtrijin illi ġejjin mill-pajjiżi konċernati matul il-PI, kif ukoll tal-fatt illi l-parti l-kbira taż-żjieda fl-ispiża tal-preforom ser tingħadda għal fuqhom, tirriżulta f'żjieda medja ta' anqas minn 0,9 % fl-ispiża tal-produzzjoni ta' l-ibbottiljaturi ta' xarbiet illi m'humiex alkoħoliċi (bl-użu tal-prezzijiet tal-PET ta' Lulju 2000, din tkun ta' madwar 0,4 %).

(113) Din iż-żjieda fl-ispejjeż tal-produzzjoni hija stmata li jkollha impatt limitat fuq il-kumpanniji l-kbar illi jbiegħu xarbiet minerali ta'ażjendi magħrufa peress illi dawk il-kumpanniji jirrendu qliegh sew. Il-bottiljaturi ta' xarbiet illi m'humiex ta'ażjendi magħrufa, illi jirrappreżentaw proporzjon żgħir ta' dan is-settur, qegħdin joperaw b'marġni ta' profitt aktar baxx; żjieda bħal din fl-ispejjeż m'għandhiex il-possibbiltà li tqiegħed f'periklu l-attivitajiet tagħhom iżda tista' titlob sforz ta' restrutturar ta' l-ispejjeż. F'dan ir-rigward għandu jiġi innutat ukoll illi fl-imgħoddi dawn il-kumpanniji kellhom ilaħħqu ma bidliet kbarħafna fil-prezzijiet tal-PET.

Impatt globali fuq l-utenti

(114) Kif issemma hawn fuq, il-PET huwa l-aktar użat direttament jew indirettament permezz tal-konvertituri, mill-prodotturi tax-xarbiet illi m'humiex alkoħoliċi, peress li l-PET huwa biss materjal ta' imballaġġgħall-industriji l-oħrajn. Peress li l-impatt illi ġie stmat fuq ix-xarbiet li m'humiex alkoħoliċi diġa' jinkludi l-impatt fuq l-ispiża tal-PET mibdul bil-konverżjoni, jista' jiġi kunsidrat li ż-żjieda fl-ispejjeż fuq l-utenti tal-PET għandha tkun limitata.

2. **Il-prezzijiet ta' l-imnut tax-xarbiet minerali.**

(115) Instab illi l-prezzijiet ta' l-ilma fil-flixkun u x-xarbiet minerali żdiedu bir-rata relattivament kostanti ta' 1-2 % kull sena fuq id-deċennju illi għadda (L-indiċi ta' statistika tal-prezzijiet ta' l-imnut tal-Eurostat). Matul l-istess perjodu, il-prezzijiet tal-PET kienu estremament volatili, mingħajr, madankollu, ma influwenzaw il-prezzijiet ta' l-imnut ta' l-ilma fil-flixkun u x-xarbet minerali. Għaldaqstant, it-talba dwar l-impatt potenzjali fuq l-inflazzjoni tal-miżuri fuq il-prezzijiet bl-imnur ta' l-ilma fil-flixkun u x-xarbiet minerali qed tiġi miċħuda.

3. **L-effetti probabbli fuq l-imposizzjoni tal-miżuri fuq l-industrija tal-Komunità u l-industrija illi tipproduċi għall-industrija.**

(116) Il-miżuri proposti jkunu, bi probabbiltà qawwija, ta' benefiċċju għall-industrija tal-Komunità, illi, permezz ta' l-isforzi tagħha għar-ristrutturazzjoni u ż-żjieda impressjonanti fil-produttività, wriet id-determinazzjoni tagħha illi żżomm il-preżenza tagħha fis-suq tal-Komunità illi qiegħed jikber b'rata mgħaġġla. L-imposizzjoni tal-miżuri tippermetti li din l-industrija ittejjeb il-profitabbilità tagħha u illi jkollha l-possibbiltà li tagħmel l-investimenti l-ġodda, illi huma kruċjali, f'attività illi hija ta' kapital intensiv, sabiex tassigura l-preżenza tagħha fit-tul fil-Komunità.

(117) Peress li s-sitwazzjoni ta' l-industrija illi tipproduċi għall-industrija tal-Komunità hija dipendenti fuq is-saħħa finanzjarja tal-produtturi tal-PET tal-Komunità, s-sitwazzjoni ta' l-istess produtturi, minħabba l-imposizzjoni tal-miżuri, se tibbenefika wkoll lil dik l-industrija li tipproduċi għall-industrija. Dan ġie konfermat mill-kumpanniji li qegħdin jikkoperaw fl-industrija illi tipproduċi għall-industrija.

4. **Konklużjonijiet dwar l-interessi tal-Komunità**

(118) Fuq il-bażi ta' l-informazzjoni addizzjonali miksuba mill-utenti, huwa konkluż illi l-impatt tal-miżuri fuq l-utenti ikun limitat. Peress li l-konvertituri jistgħu jgħaddu l-parti l-kbira taż-żjieda fl-ispejjeż lejn il-klijenti tagħhom, l-impatt konsolidat tal-miżuri tal-produzzjoni tax-xarbiet minerali huwa stmat li jkun marġinali fuq il-profitabilità globali ta' dan is-settur.

(119) Barra minn hekk, huwa konfermat illi d-delokalizzazzjoni tal-produzzjoni tal-preforom barra mill-Komunità mċhix probabbli, illi l-prezzijiet ta' l-imnut tax-xarbiet non-alkoholici mhumiex affettwati biss mill-bidliet fil-prezzijiet tal-PET u li l-imposizzjoni tal-miżuri hija bic-car fl-interess ta' l-industrija tal-Komunità u l-industrija illi tinsab 'il bogħod mix-xerrej finali.

(120) Peress illi ma ġew riċevuti l-ebda argumenti fir-rigward ta' l-interess tal-Komunità, il-konklużjoni illi m'hemmx raġunijiet oħra impellenti biex ma jiġux imposti l-miżuri, kif stabbilit fil-premessa 202, qiegħda hawnhekk tiġi konfermata.

I. **KORS TA' AZZJONI DEFINITTIV**

(121) In vista tal-konklużjonijiet milħuqa fir-rigward ta' *dumping*, danni, kawża u l-interessi tal-Komunità, huwa kkunsidrat illi l-miżuri ta' kontra d-*dumping* għandhom jittieħdu sabiex ma jitħalliex li jsiru aktar danni lill-Komunità permezz ta' l-importazzjonijiet illi huma l-oġġetti tad-*dumping* illi joriġinaw fil-pajjiżi konċernati.

1. **Livelli ta' eliminazzjoni tad-danni**

(122) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe informazzjoni ġdida, l-metodoloġija wżata għall-istabbiliment tal-marġni tad-danni kif deskritta fil-premessa 206 tar-Regolament provviżorju qiegħda hawnhekk tiġi konfermata.

2. **Forma u livell tad-dazji**

(123) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe informazzjoni ġdida, l-metodoloġija wżata għall-istabbiliment tar-rati tad-dazju ta' kontra d-*dumping* konġuntivament mar-rati tad-dazju kompensatorji stabbiliti fl-investigazzjoni ta' kontra s-sussidji, kif deskritta fil-premessa 209-213 tar-Regolament provviżorju qiegħda hawnhekk tiġi konfermata.

(124) Sabiex jiġi evitat illi l-qabżiet fil-prezzijiet tal-PET ikkawżati mill-qabżiet fil-prezz taż-żejt jirriżultaw fil-ġbir ta' dazji oħla, huwa konsidrat xieraq illi d-dazju fil-forma ta' ammont speċifiku għal kull tunnellata għandha tkun imposta. Dawn l-ammonti jirriżultaw mill-applikazzjoni tar-rata ta' dazju ta' kontra d-*dumping* għall-prezzijiet CIF użati għall-esportazzjoni wżati għall-kalkolazzjoni tal-livell ta' l-eliminazzjoni tad-danni matul il-PI.

(125) Id-dazji ta' kontra d-*dumping* illi ġew proposti huma dawn illi ġejjin:

L-Indja

Kumpanniji	Id-danni eliminati fuq il-marġni	Il-marġni tad-*dumping*	Ir-rata tad-dazju kompensatorju illi jirriżulta missussidji lill-esportazzjonijiet	Ir-rata tad-dazju ta' kontra d-*dumping*	Id-dazju propost ta' kontra d-*dumping*
Reliance Industries Limited	44,3 %	51,5 %	8,2 %	36,1 %	181,7 EUR/t
Pearl Engineering Polymers Limited	33,6 %	30,0 %	5,8 %	24,2 %	130,8 EUR/t
Elque Polyesters Limited	44,3 %	51,5 %	4,4 %	39,9 %	200,9 EUR/t
Futura Polymer Limited	44,3 %	51,5 %	0	44,3 %	223,0 EUR/t
L-oħrajn kollha		51,5 %	8,2 %	36,1 %	181,7 EUR/t

(126) Elque Polyesters Limited u Futura Polymer Limited ħadu sehem fil-proċediment *parallel* ta' kontra s-sussidji iżda innutaw l-investigazzjoni preżenti ta' kontra d-*dumping* peress illi huma ma esportawx lejn il-Komunità. Għaldaqstant, huma għandhom id-dritt illi jitolbu għar-reviżjoni intiża għall-parteċipanti l-ġodda meta huma kienu verament esportaw lejn il-Komunità, jew meta huma jkunu jistgħu juru illi daħlu f'obbligazzjonijiet kuntrattwali irrevokabbli sabiex jesportaw kwantitajiet sinifikanti lejn il-Komunità.

L-Indoneżja

Kumpanniji	Marġni ta' l-eliminazzjoni tad-danni	Marġni tad-*dumping*	Dazju ta' kontra d-*dumping* propost
P.T. Bakrie Kasei Corporation	35,1 %	63,5 %	187,7 EUR/t
P.T. Indorama Synthetics Tbk	17,8 %	15,2 %	92,1 EUR/t
P.T. Polypet Karyapersada	32,9 %	73,7 %	178,9 EUR/t
L-oħrajn kollha		73,7 %	187,7 EUR/t

Il-Korea

Kumpanniji	Marġni ta' l-eliminazzjoni tad-danni	Marġni tad-dumping	Dazju ta' kontra d-*dumping* propost
Honam Petrochemical Corporation	16,9 %	19,8 %	101,4 EUR/t
Tongkong Corporation	26,5 %	55,8 %	148,3 EUR/t
Daehan Synthetic Fiber Corporation	28,5 %	5,1 %	28,2 EUR/t
SK Chemicals Corporation	11 %	1,4 %	0
L-oħrajn kollha		55,8 %	148,3 EUR/t

Il-Malasja

Kumpanniji	Id-danni eliminati fuq il-marġni	Il-marġni tad-*dumping*	Ir-rata tad-dazju kompensatorju illi jirriżulta mis-sussidji lill-esportazzjonijiet	Ir-rata tad-dazju ta' kontra d-*dumping*	Id-dazju propost ta' kontra d-*dumping*
Hualon Corporation(M) Sdn. Bhd.	52,1 %	7,8 %	0,2 %	7,6 %	36,0 EUR/t
MPI Polyester Industries Sdn. Bhd.	54,2 %	34,2 %	0	34,2 %	160,1 EUR/t
L-oħrajn kollha		34,2 %	Mhux applikabbli	34,2 %	160,1 EUR/t

It-Tajwan

Kumpanniji	Marġni ta' l-eliminazzjoni tad-danni	Marġni tad-*dumping*	Dazju ta' kontra d-*dumping* propost
Far Eastern Textile Ltd	8,2 %	7,8 %	50,2 EUR/t
Shingkong Synthetic Fibers Corporation	16,6 %	7,8 %	47,0 EUR/t
Tuntex Distinct Corp.	26,3 %	12,4 %	69,5 EUR/t
Nan Ya Plastics Corporation	26,3 %	9,6 %	53,8 EUR/t
L-oħrajn kollha		12,4 %	69,5 EUR/t

It-Tajlandja

Kumpanniji	Marġni ta' l-eliminazzjoni tad-danni	Marġni tad-*dumping*	Ir-rata tad-dazju kompensatorju	Ir-rata tad-dazju ta' kontra d-*dumping*	Id-dazju ta' kontra d-*dumping* illi ġie propost
Thai Shingkong l-industrija Corporation Limited	22,6 %	32,5 %	8,4 %	14,2 %	132,2 EUR/t
L-oħrajn kollha		32,5 %	8,4 %	14,2 %	132,2 EUR/t

(127) Kwalunkwe pretensjoni illi titlob l-applikazzjoni tar-rati tad-dazju ta' kontra d-*dumping* ta' dawn il-kumpanniji individwali (per eżempju, wara l-bidla fl-isem ta' l-entità jew wara illi jiġi mwaqqfa entitajiet ġodda ta' produzzjoni jew tal-bejgħ) għandha tiġi indirizzata lill-Kummissjoni [1] minnufih flimkien ma' l-informazzjoni kollha relevanti, partikolarment kwalunkwe modifika fl-attivitajiet tal-kumpannija illi jkunu marbutin mal-produzzjoni, il-bejgħ domestiku jew għall-esportazzjoni assoċjata ma' per eżempju, l-bidla fl-isem jew dik il-bidla fl-entitajiet tal-produzzjoni u l-bejgħ. Il-Kummissjoni, jekk xieraq, wara l-konsultazzjoni mal-Kumitat Konsultattiv, għandha temenda r-Regolament skond dik l-informazzjoni billi taġġorna l-lista ta' kumpanniji illi jibbenefikaw mir-rati ta' dazju individwali.

[1] Kummissjoni Ewropea
Direttorat Ġenerali Kummerċ
Direttorat B
TERV 0/13
Rue de la Loi/Wetstraat 200
B-1049 Brussel.

3. **Il-Gbir Definittiv tad-dazji provviżorji**

(128) In vista tal-firxa tad-*dumping* misjub għall-produtturi esportaturi, u in-vista tal-gravità tad-danni illi dan ikkawża lill-industrija tal-Komunità, ġie meqjus meħtieġ illi l-ammonti assigurati permezz tad-dazji provviżorji ta' kontra d-*dumping* għandhom jinġabru bir-rata tad-dazju illi kien ġie impost definittivament. F'dawk il-każijiet, peress illi d-dazji definittivi huma ogħla mid-dazji provviżorji, l-ammonti assigurati fil-livell tad-dazji provviżorji biss għandhom jiġu definittivament miġburin.

4. **Obbligazzjonijiet**

(129) Sussegwenti għall-imposizzjoni tal-miżuri provviżorji ta' kontra d-*dumping*, il-produtturi esportaturi fl-Indja u fl-Indoneżja offrew il-prezzijiet ta' l-obbligazzjonijiet skond l-Artikolu 8(1) tar-Regolament Bażiku.

(130) Il-Kummissjoni tikkunsidra illi l-obbligazzjonijiet offruti mir-Reliance Industries Limited, Pearl Engineering Polymers Limited u P.T. Polypet Karyapersada jistgħu jiġu aċċettati [1] peress illi huma jeliminaw l-effett dannuż tad-*dumping*. Barra minn hekk, ir-rapport regolari u dettaljat illi l-kumpanniji obbligaw irwieħhom illi jipprovdu lill-Kummissjoni ser jippermetti monitoraġġ effettiv. Barra minn hekk, l-istruttura tal-bejgħ ta' dawn il-kumpanniji hija magħmula b'mod illi l-Kummissjoni tikkonsidra li l-riskju illi tiġi evitata l-obbligazzjoni jiġi minimiżżat.

(131) Kumpannija oħra għamlet proposti wkoll sabiex toffri obbligazzjoni. Madankollu, l-kumpannija ipprovdiet informazzjoni falza u qarrieqa fir-rigward ta' ċerti aspetti ta' l-investigazzjoni illi effettwaw il-korrettezza u l-affidabilità tal-koperazzjoni tagħha (ref. premessa 13). Għaldaqstant, il-Kummissjoni ma kenitx sodisfatta illi obbligazzjoni minn din il-kumpannija setgħet tiġi effettivament segwita u l-offerta allura ġiet miċħuda.

(132) Sabiex jiġi assigurat ir-rispett u l-moniteraġġ ta' l-obbligazzjonijiet, meta t-talba għar-rilaxx għall-movimenthieles skond l-obbligazzjonijiet tiġi preżentata, l-eżenzjoni mid-dazju għandha tiddependi fuq il-preżentazzjoni lis-servizzji doganali ta' l-Istat Membru konċernat "Fattura ta' l-Obbligazzjoni" valida maħruġa mill-produtturi esportaturi li minnhom l-obbligazzjonijiet ikunu ġew aċċettati u illi jkun fihom l-informazzjoni elenkata fl-Anness. Meta din il-fattura ma tiġix preżentata, jew meta ma tkunx tikkorrispondi mal-prodotti preżentati lid-dwana, ir-rata xierqa ta' dazju ta' kontra d-*dumping* għandha titħallas sabiex tiġi assigurata l-applikazzjoni effettiva ta' l-obbligazzjoni.

(133) Fil-każ ta' ksur jew irtirar ta' l-obbligazzjoni, jista' jiġi impost dazju ta' kontra d-*dumping*, skond l-artikolu 8(9) u (10) tar-Regolament Bażiku,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Qed jiġi impost dazju ta' kontra d-*dumping* , fuq importazzjonijiet ta'*polyethylene terephthalate* b'koeffiċjent ta'viskosità ta'78ml/g jew akbar, skond id-DIN (Deutsche Industrienorm) 53728, li jaqgħa taħt il-Kodiċi CN 3907 60 20 u ex 3907 60 80 (Kodiċi TARIC 3907 60 80 10).

2. B' eċċezzjoni ta' dak illi hemm fil-paragrafu 3 ta' hawn taħt, ir-rata tad-dazju definittiv ta' kontra d-*dumping* applikabbli għall-prezzijiet netti, illi huma ħielsa minn kull piż fil-fruntiera tal-Komunità, qabel id-dazju, għandhom ikunu kif ġej għall-prodotti illi joriġinaw fi:

[1] Ara l-paġna 88 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

Pajjiż	Dazju Definittiv (euro/t)	Kodiċi TARIC addizzjonali
L-Indja	181,7	A999
L-Indoneżja	187,7	A999
Il-Malasja	160,1	A999
Repubblika tal-Korea	148,3	A999
It-Tajwan	69,5	A999
Tajlanda	83,2	A999

3. Ir-rati ta' hawn fuq m'għandhomx japplikaw għall-prodotti fabbrikati mill-kumpanniji illi hawn elenkati hawn taħt, illi għandhom ikunu bla ħsara għar-rati ta' dazju ta' kontra d-*dumping* illi ġejjin:

Pajjiż	Kumpanniji	Dazju Definittiv (euro/t)	Kodiċi addizzjonali TARIC
L-Indja	Pearl Engineering Polymers Limited	130,8	A182
L-Indja	Reliance Industries Limited	181,7	A181
L-Indja	Elque Polyesters Limited	200,9	A183
L-Indja	Futura Polymer Limited	223,0	A184
L-Indoneżja	P.T. Bakrie Kasei Corporation	187,7	A191
L-Indoneżja	P.T. Indorama Synthetics Tbk	92,1	A192
L-Indoneżja	P.T. Polypet Karyapersada	178,9	A193
Il-Malasja	Hualon Corporation (M) Sdn. Bhd.	36,0	A186
Il-Malasja	MpI Poyester Industries Sdn. Bhd.	160,1	A185
Ir-Repubblika tal-Korea	Daehan Synthetic Fiber Co., Limited	28,2	A194
Ir-Repubblika tal-Korea	Honam Petrochemical Corporation	101,4	A195
Ir-Repubblika tal-Korea	SK Chemicals Co., Limited	0	A196
Ir-Repubblika tal-Korea	Tongkong Corporation	148,3	A197
It-Tajwan	Far Eastern Textile Limited	50,2	A188
It-Tajwan	Tuntex Distinct Corporation	69,5	A198
It-Tajwan	Shingkong Synthetic Fibers Corporation	47,0	A189
It-Tajwan	Nan Ya Plastics Corporation	53,8	A187
It-Tajlandja	Thai Shingkong Industries Corporation Limited	83,2	A190

4. Fil-każijiet fejn il-merkanzija tkun ġarrbet xiħsarat qabel id-dħul tagħha fil-moviment ħieles, u għalhekk, il-prezz illi jkun tħallas verament jew pagabbli ikun apporzjonat għad-determinazzjoni tal-valur tad-dwana skond l-Artikolu 145 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 tat-2 ta' Lulju 1993 li jesiġi d-disposizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Komunità [1], l-ammont ta' dazju ta' kontra d-*dumping,* kalkolat fuq il-bażi ta' l-ammonti stipulati hawn fuq, għandu jiġi mnaqqas b'persentaġġ illi jikkorrispondi ma' l-apporzjonament tal-prezz ili kien attwalment imħallas jew pagabbli.

5. Minkejja l-paragrafu 1, id-dazju definittiv m' għandux japplika għall-importazzjonijiet rilaxxati għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa skond id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 2.

6. Sakemm mhux speċifikat mod ieħor, id-disposizzjonijiet fis-seħħ dwar id-dazji tad-dwana għandhom japplikaw.

Artikolu 2

1. L-importazzjonijiet għandhom ikunu eżenti mid-dazji ta' kontra d-*dumping* imposti mill-Artikolu 1 jekk kemm-il darba huma jiġu prodotti u esportati direttament (i.e. fatturati u trasportati) lejn kumpanniji illi jaġixxu bħala importaturi fil-Komunità mill-kumpanniji msemmijin fil-paragrafu 3, dikjarati taħt il-kodiċi addizzjonali TARIC u l-kondizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 2 jiġu milħuqa.

2. Meta t-talba għar-rilaxx għall-moviment ħieles tiġi preżentata, l-eżenzjoni mid-dazji għandha tiddependi fuq il-preżentazzjoni lis-servizzi doganali ta' l-Istat Membru Konċernat tal-"Fattura ta' l-obbligazzjoni" valida maħruġa mill-kumpannija esportatriċi msemmija fil-paragrafu 3, illi jkun fiha l-elementi essenzjali elenkati fl-Anness. L-eżenzjoni mid-dazju għandha tiddependi fuq jekk il-merkanzija dikjarata u preżentata lid-dwana tikkorrispondix preċiżament għad-deskirzzjoni fuq il-"Fattura ta' l-Obbligazzjoni".

3. L-importazzjonijiet akkumpanjati mill-"Fattura ta' l-Impriża" għandhom jiġu dikjarati taħt il-Kodiċi TARIC addizzjonali illi ġejjin:

Kumpanniji	Pajjiż	Il-Kodiċi Addizzjonali TARIC
Reliance Industries Limited	L-Indja	A181
Pearl Engineering Polymers Limited	L-Indja	A182
P.T. Polypet Karyapersada	L-Indoneżja	A193

Artikolu 3

L-ammonti provviżorji assigurati permezz tad-dazji ta' kontra d-*dumping* skond ir-Regolament (KE) Nru. 1742/2000 fuq l-importazzjonijiet għal ċertu politilenu teriptalatu illi joriġina fl-Indja, fl-Indoneżja, fil-Malasja u fir-Repubblika tal-Korea, t-Tajwan u t-Tajlandja għandhom jiġu miġbura bir-rata tad-dazju illi ġie definittivament impost. L-ammonti assigurati illi jeċċedu r-rata definittiva tad-dazji ta' kontra d-*dumping* għandhom jiġu rilaxxati. Peress illi d-dazji definittivi huma ogħla mid-dazji provviżorji, l-ammonti assigurati bil-livelli tad-dazji provviżorji biss għandhom jiġu definittivament miġbura.

Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Gurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, fis-27 Novembru 2000.

F'isem il-Kunsill

Il-President

L. FABIUS

[1] ĠU L 253, 11.10.93, pġ. 1. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat mir-Regolament (KE) Nru 502/1999 (ĠU L 65, 12.03.99, pġ. 1).

ANNESS

L-emendi illi għandhom jitniżżlu fil-Fattura ta' l-Obbligazzjoni msemmija fl-Artikolu 2(2):

1. In-numru tal-Fattura ta' l-Obbligazzjoni.

2. Il-kodiċi addizzjonali TARIC illi taħtha l-merkanzija illi jkun hemm fil-fattura tista' tiġi rilaxxata mid-dwana fuq il-fruntieri tal-Komunità (kif speċifikat fir-Regolament).

3. Id-deskrizzjoni eżatta tal-merkanzija, illi tinkludi:

   — n-numru ta' l-irrappurtar tal-prodott (PRC) (kif stabbilit fil-obbligazzjoni offruta mill-esportatur tal-produttur in-kwistjoni),

   — il-Kodiċi NM,

   — il-kwantità (illi għandha tingħata f' unitajiet).

4. Id-deskrizzjoni tat-termini tal-bejgħ, illi jinkludi:

   — il-prezz kull unità,

   — it-termini applikabbli tal-pagament,

   — it-termini applikabbli tal-konsenja,

   — l-iskont totali u t-tnaqqis.

5. Isem tal-kumpannija illi qiegħda taġixxi bħala importatriċi illi għaliha l-fattura hija maħruġa direttament mill-kumpannija.

6. L-isem ta' l-uffiċjali tal-kumpannija illi jkun ħareġ il-fattura ta' l-obbligazzjoni u d-dikjarazzjoni illi ġejja, liema dikjarazzjoni għandha tkun iffirmata:

   "Jiena, hawn taħt iffirmat, niċċertifika illi l-bejgħ għall-esportazzjoni diretta lejn il-Komunità Ewropea tal-merkanzija koperta minn din il-fattura qegħda ssir fi a tenur ta' u taħt it-termini ta' l-obbligazzjoni offruta minn… (Kumpannija), u aċċettata mill-Kummissjoni Ewropea permezz tad-Deċiżjoni Nru. 2000/745/KE. Jiena niddikjara li l-informazzjoni provduta f' din il-fattura hi kompluta u korretta."